MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 265/2011

**Carl Grima**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Carl Grima fil-25 ta' Novembru 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal, ai termini ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, jordna li tinhariglu Licenzja ta' Gwardjan Privat u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrulu opportuni;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu, stante li kuntrarjament ghal dak affermat mir-Rikorrent fir-Rikors tieghu, kien hemm ragunijiet validi u b'sahhithom bizzejjed sabiex jiggustifikaw id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jaghtix il-Licenzja ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent[1] u ta' l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi[2] moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012 u ra d-dokumenti esebiti mill-Ispettur Zrinzo Azzopardi waqt l-imsemmija seduta markati Dok. "CG1" u Dok. "CG2" a fol. 21 sa' 23 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent ipprezentata fl-14 ta' Marzu 2012[3] u in-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fil-11 ta' Gunju 2012[4];

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, notifikata lilu b'ittra datata 17 ta' Novembru 2011, li jichad it-talba tieghu ghall-hrug ta' Licenzja ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a) u (b) ta' l-Att XIII ta' l-1996, ossia l-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa jikkontendi li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ghandha tigi revokata u minflok tinhariglu Licenzja ta' Gwardjan Privat ghaliex bl-ghoti ta' dik id-decizjoni l-Kummissarju agixxa kuntrarjament ghall-principju ta' *nemo judex in causa propria* u ghaliex fi kwalunkwe kaz id-decizjoni in kwistjoni hija nieqsa mir-ragjonevolezza[5].

Ghalkemm il-principju tad-dritt naturali *nemo judex in causa propria* huwa principju fondamentali fid-dritt amministrattiv, u dana anke fis-sistema guridika nostrali kif jirrizulta kkonfermat mill-Artikolu 3(2)(a) ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amminsitrattiva, Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fehma tat-Tribunal fil-kaz in ezami dan il-principju ma gie bl-ebda mod ivvjolat mill-Kummissarju tal-Pulizija bid-decizjoni li huwa ta fil-konfront tar-Rikorrent fis-17 ta' Novembru 2011, stante li f'dan il-kaz il-Kummissarju agixxa *qua* regolatur u mhux *qua* entità kwazi-giudizzjarja.

---

1 Fol. 24 tal-process.
2 Fol. 25 u 26 tal-process.
3 Fol. 28 sa' 30 tal-process.
4 Fol. 35 sa' 37 tal-process.
5 Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 28 sa' 30 tal-process.

Fis-sistema legali nostrali l-Gwardjani Privati u Lokali huma regolati bl-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali, Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini ta' l-Artikoli 3, 4 u 6(1) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi *ebda persuna ma ghandha tahdem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat jew hekk toffri s-servizzi taghha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex licenza skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att. Ebda persuna ma tista' timpjega, thaddem jew tippermetti l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati kemm-il darba dawk is-servizzi ma jinghatawx minn agenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati, skond il-kaz, li ghandhom licenza skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att* u *kull persuna li tkun trid tikseb licenza bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat ghandha taghmel applikazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju*.

Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi johrog car li biex persuna tahdem bhala gwardjan privat jew agenzija ta' gwardjani privati necessarjament irid ikollha licenzja opportuna mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija li, *qua* entità regolatrici ghandu jikkonsidra jekk l-applikant jikkwalifikax ai termini tal-Ligi[6] ghall-hrug tal-licenzja minnu mitluba. B'hekk jigi ribadit li bl-agir tieghu f'tali vesti l-Kummissarju ma jkunx qed jivvjola il-principju tal-gustizzja natural *nemo judex in causa propria* izda qed jezercita setgha regolatrici moghtija lilu bil-Ligi.

Ghaldaqstant l-affermazzjoni tar-Rikorrent li *l-Kummissarju tal-Pulizija m'ghandux ikun vestit b'poter li jiddeciedi hu min ghandu jinghata l-licenzja jew le, u dan minhabba l-principju ta' nemo judex in causa propria* hija guridikament inammissibbli.

Mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta' l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi[7], jirrizulta li fil-kaz in ezami t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' Licenzja ta' Gwardjan Privat giet michuda in bazi ghall-Artikolu 10(a)(i) u (b) tal-

[6] Artikolu 10 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolamenti dwar Gwardjani Privati, Legislazzjoni Sussidjarja 389.01.
[7] Moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012, fol. 25 u 26 tal-process.

Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè ghaliex fil-fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija ir-Rikorrent instab hati ta' delitt gravi u ma huwiex fl-interess pubbliku li tinhareg Licenzja ta' Gwardjan Privat f'ismu.

Ir-Rikorrent jikkontendi li l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma seta' jirrifjuta l-applikazzjoni tieghu ghall-hrug ta' Licenzja ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex ai termini tal-Ligi huwa ma instabx **hati** ta' delitt gravi billi ghall-akkuza dedotta fil-konfront tieghu mill-Pulizija Ezekuttiva huwa nghata l-libertà kondizzjonali ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta li, ai termini ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi ma titqiesx li hi ekwivalenti ghal kundanna.

Mid-dokument Dok. "CG2" esebit mill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi a fol. 22 u 23 tal-process jirrizulta li r-Rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkuzat talli *f'dawn il-Gzejjer, nhar id-19 ta' Lulju 2009 ghall-habta tas-7:00hrs gewwa "The Guys Bar" sitwat f'Misrah Mattia Preti, Valletta: kien komplici ma' Milovan Gatt, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 207176(M), f'delitt ta' pussess ta' droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ta ghodod jew mezzi ohra, u cioè il-Karta ta' l-Identità tieghu, lil Milovan Gatt, liema Karta ta' l-Identità giet uzata fl-eghmil tad-delitt, meta kien jaf li kellha hekk tigi uzata u xjentement ghen jew assissta lil Milovan Gatt fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat u/jew sahhah il-volontà tieghu sabiex jaghmel delitt u dan bi ksur ta' l-Artikolu 42(c)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta* u b'sentenza pronuncjata fit-18 ta' Lulju 2011, fuq ammissjoni tieghu instab hati ta' l-akkuza migjuba kontrih u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta gie liberat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 25(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta *dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dan l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni*

*komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonalment ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun*[8]*, minbarra – (a) il-finijiet tal-proceduri li fihom issir l-ordni u ta' kull procedura sussegwenti li tista' tittiehed kontra l-hati taht id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-kaz ta' ufficjal pubbliku, il-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' htija jew ta' xi wiehed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat.*

Applikat dak dispost fl-artikolu tal-Ligi appena citat ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Krimianli fil-konfront tar-Rikorrent pronuncjata bis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2011, jirrizulta b'mod car li ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, salv ghal dawk il-kazijiet specifikatament stipulati fl-istess artikolu tal-Ligi, dik id-decizjoni ma ghandhiex titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija. Konsegwentement ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ma setghax iqis li bis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2011 ir-Rikorrent instab **hati** ta' delitt gravi ai termini ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Kummissarju tal-Pulizija ma setghax arbitrarjament jaghti tifsira guridika ghal kollox differenti minn dik stabbilita fil-Ligi ghas-sentenza tat-2 ta' Marzu 2011 pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Kemm-il darba l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward kellu jigi accettat bhala korrett jkunu qed jigu serjament ippregudikati l-uniformità u l-istabilità tas-sistema legali nostrali, li huma pilastri fondamentali ghar-retta amministrazzjoni tal-Ligi u tal-gustizzja fil-konfront ta' kulhadd.

B'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx gustifikat li jichad it-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' Licenzja ta' Gwardjan Privat skont l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

[8] Sottolinear tat-Tribunal.

Kif già iktar 'l fuq osservat it-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' Licenzja ta' Gwardjan Privat giet michuda mill-Kummissarju tal-Pulizija anke in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè ghaliex fil-fehma tal-Kummissarju ma huwiex fl-interess pubbliku li tinhareg tali licenzja f'isem ir-Rikorrent. Ir-Rikorrent jikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jichadlu t-talba tieghu in bazi ghall-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta proprio minhabba l-fatt li ghar-reat li bih gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nghata l-libertà kondizzjonali mill-imsemmija Qorti. Huwa jikkontendi li ladarba l-Legislatur f'diversi Ligijiet, fosthom il-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri, jipprovdi li tali dikjarazzjoni ma ghandhiex titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija *jidher car li ghall-legislatur sentenza li tinvolvi conditional discharge mhix ta' portata kbira. B'analogija, konsegwentement, il-principju ta' ragjonevolezza kellu jiddetta li anke fil-kaz ta' gwardjani privati u lokali, li kellu jkun l-istess*[9].

F'tali rigward it-Tribunal iqis li huwa opportun li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Pace et, Appell Civili Nru. 247/08**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Dicembru 2008, fejn dik il-Qorti osservat illi *kull azzjoni li hadet jew tista' tiehu l-Awtorità Dwar it-Trasport fil-konfront ta' l-appellanti bhala rizultat tas-sejbien tal-htija minnhom ammessa w is-sentenza li nghatat fil-konfront ta' l-appellanti hija rrilevanti ghall-konsiderazzjoni ta' dan l-appell. Din il-Qorti ma tarax li ghandha b'xi mod tidhol fil-kompetenza ta' entità ohra mwaqqfa b'ligi li ghandha s-setgha bil-ligi li tamministra u tirregola, skond ir-regolamenti appoziti, xi settur ta' l-attività ekonomika jew socjali tal-pajjiz. Hu risaput li hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jipprattikom irid ikollu kondotta tajba u li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jipprattikhom jew, jekk ikun qed digà jippratikhom billi jew titnehhilu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara,*

[9] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 28 sa' 30 tal-process.

*eccetera, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dawk ta' l-appellanti. B'daqshekk dak li jkun ma jkunx qed jigi punit darbtejn.*

Ghalkemm fil-kaz in ezami l-punt trattat ma huwiex il-kondotta tajba o meno tar-Rikorrent izda dwar jekk huwiex fl-interess pubbliku o meno li huwa jinghata Licenzja ta' Gwardjan Privat, it-Tribunal hu tal-fehma li s-sustanza tal-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'dik is-sentenza japplika ghall-kaz in ezami. Minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[10] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti ta' licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant mhux necessarjament timpingi fuq tali konsiderazzjoni izda hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghalkemm ir-Rikorrent jipprova jimminimizza s-serjetà ta' l-azzjonijiet tieghu u dana anke billi jistrih fuq il-fatt li l-Qorti ta' kompetenza kriminali lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor entro terminu determinat mid-data tas-sentenza, it-Tribunal japprezza t-thassib li dan l-agir tar-Rikorrent holoq fil-Kummissarju tal-Pulizija liema thassib wassal lill-istess Kummissarju biex jikkonsidra li ma huwiex fl-interess pubbliku li r-Rikorrent jinghata Licenzja ta' Gwardjan Privat.

Indipendentement mill-piena eventwali li giet inflitta fuq ir-Rikorrent ghar-reat minnu *ex admissis* imwettaq, it-Tribunal hu tal-fehma li fid-dawl tan-natura ta' l-agir tar-Rikorrent f'dik ic-cirkostanza l-Kummissarju tal-Pulizija kien gustifikat f'li jikkonsidra li l-istess Rikorrent ma huwiex ta' karattur affidabbli tali li jirrendih idoneju ghax-xoghol imwettaq minn Gwardjan Privat u ghaldaqstant li ma huwiex fl-interess pubbliku li tinhariglu Licenzja ta' Gwardjan Privat.

[10] Artikolu 2 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Apparte minhekk ir-Rikorrent ma ressaq ebda prova li sodisfacentement turi li kuntrarjament ghal dak determinat mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa jisthoqqlu li tinhareg Licenzja ta' Gwardjan Privat f'ismu. Huwa jillimita ruhu li jargumenta li ladarba gie lliberat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat iehor mill-Qorti ta' kompetenza kriminali allura l-Kummissarju tal-Pulizija *qua* awtorità regolatrici ma setghax icahhdu mill-Licenzja ta' Gwardjan Privat, argument dan però li jirrizulta ghal kollox insostenibbli fid-dawl tas-sustanza tal-principju guridiku enuncjat fil-precitata sentenza **Il-Pulizija v. Raymond Pace et**.

Ghaldaqstant l-Appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu fis-17 ta' Novembru 2011, ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi filwaqt li jilqa' l-oggezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-talba tar-Rikorrent, jichad l-Appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu fis-17 ta' Novembru 2011.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------